2023/2506

10.11.2023

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/2506

tad-9 ta' Novembru 2023

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2487 tad-9 ta' Novembru 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 224/2014 ([2]), dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ("RĊA"), sabiex jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK ([3]).

(2) Fis-27 ta' Lulju 2023, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2693 (2023) ("UNSCR 2693 (2023)"). Dik ir-Riżoluzzjoni tistabbilixxi li l-miżuri ta' embargo fuq l-armi u r-rekwiżiti ta' notifika relatati ma għandhomx jibqgħu japplikaw għall-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat, u għall-għoti ta' assistenza, pariri u taħriġ lill-forzi tas-sigurtà tar-RĊA, inklużi istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili.

(3) Fid-9 ta' Novembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2487, li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK f'konformità mal-UNSCR 2693 (2023).

(4) Xi whud minn dawk l-emendi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għaldaqstant hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex dawn jiġu implimentati, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(5) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 224/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (UE) Nru 224/2014, l-Artikolu 3, il-punt (e), huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) relatati mal-provvisti ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u spare parts għal dawk imsemmija hawn fuq, lill-forzi tas-sigurtà tar-RĊA, inklużi istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L, 2023/2487, 10.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2487/oj
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 224/2014 tal-10 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (ĠU L 70, 11.3.2014, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK tat-23 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 51).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
N. CALVIÑO SANTAMARÍA